li kellek u li kien iħobb jaraha f'ħoġrok u jitflok dik il-pupa li kellek u li kien iħobb jaraha f'ħoġrok u jitgħaxxaq biha, għax jistħajjilha oħtu ċ-ċkejkna, tiftaħ u tagħlaq għajnejha, il-lum jitħajjar iktarx iħares lejn xi pupa oħra, li mhux biss tiftaħ u tagħlaq għajnejha, imma pupa li timxi u titkellem miegħu, tħares lejh bid-daħka, taqbdu labranzetta, u tneffqu l-flus.

Hekk sejra d-dinja, Tereżina għażiża tiegħi. Il-lum li kbirt dana t-arab bħali. Nixtiequ, nitħabtu biex niksbu dak kollu li nixtiequ, u, wara li nkunu ksibnieh min jaf b'kemm taqtigħ ta' qalb, arana nixbgħu minnu, u aktar ma nikbru fiż-żmien il-qalb tibred għal ħafna affarijiet li konna ngħożżu meta konna għadna ċkejknin, u li l-lum narawhom frugħa, u xejn iżjed ħlief bluha. Qalbna, skond iż-żmien li fih ngħixu, dejjem tixtieq ħwejjeġ oħra biex ngħixu aħjar fil-hena li, wara kollox, id-dinja ma tista' tagħtina qatt, l-iktar meta dawn il-ħwejjeġ imissu aktar lill-ġisem milli lir-ruħ. L-iktar hena li nsibu fl-imħabba tal-familja, u l-iktar tat-tfal innoċenti, bħalma kontu inti u ħuk, meta kontu ċkejknin, u li għalikom, missierek u ommok, għexu mill-ġdid sakemm rabbewkom, u raw li intom il-lum tistgħu tifhmu xi ftit bħalhom minn dak li jinħtieġ biex tgħix fil-paċi, fil-hena tar-ruħ, b'dik id-daħka ħelwa u innoċenti li b'riħet it-trobbija tajba baqgħet fuq fommkom...

Hekk sejra d-dinja. Inti u ħuk kbirtu, u iktar mi tikbru iktar tibdew tifhmu għaliex jien, meta kontu ċkejknin, kont inħobb infittex lilkom u nedħa magħkom... fil-logħob... f'dak kollu li kienet il-ġenna tagħkom f'dak iż-żerniq sabiħ ta' ħajjitkom... Inti, Tereżina, bqajt hekk tħares lejja... b'dik it-tbissima li jiena biss nifhem għaliex ma tbiddlet qatt minn dak iż-żmien ta' meta kont ċkejkna... Il-lum tifhimni iżjed, u tifhem x'kienet l-hena tiegħi meta kont nieħdok il-Luna Park, nixtrilek il-ġellewż ta' San Martin, u l-pupa fl-Ewwel tas-Sena, il-figolla tal-Għid......... tifhem x'kien il-gost tiegħek u tiegħi... il-lum li kbirt u sirtli xebba ġmielek. Ibqa' għożż dak iż-żmien, Tereżina, ta' qalbi... ibqa' ftakar, għalkemm dak iż-żmien ma kontx tifhem sewwa, meta inti biex naqtagħlek xewqtek kont tħares lejja... b'għajnejk imberrqa...... u jien inħares lejk, nitgħaxxaq b'dik il-ħarsa ċassa li kienet bla kliem tgħidli dak li tixtieq qalbek...... u jien ngħannqek u nagħtik bewsa u bid-daħka ngħidlek: Iva, Tereżin, ta' qalbi, nagħtik... nagħtik kulma tixtieq!



## PROŻA U POEŻIJA

*Ta'* IVO MUSCAT-AZZOPARDI

Miexja ħafif ħafif, irqajqa, sbienħa
jidħru, tarmi l-fwieħa; laħamha turi,
tiskejtja w tiżfen, jaf xi jgħid ilsienha,
tilgħab it-*tennis*, għamilha xejn kburi.

Żarbun b'a ponta juri difrejn ħomor,
xuxa qasira, li mar-riħ tittajjar,
donnha tad-deheb; jiġbed ukoll dak l-għomor
lil kull żagħżugħ li jkun ġa nofsu mħajjar.

Mhux ċabilfors wieħed ifittex lill-qamar,
jitgħaxxaq bih u jfaħħru mal-maħbuba!
Jistqarrilha kemm qalbu fiha ġamar!

Namrar u ħolm, ħidma tal-fantażija,
ħolm twil, għalhekk Eva w Adam magħluba.
Sakemm hu ħolm: Sultana l-Poeżija.

* * *

Imma kemm int qalil, ja żmien il-bniedem;
ħiemed u kiefer ma taħfirha 'l ħadd.
Tqal il-pass tat-tfajla, għamilha niedem,
għab l-aħmar tad-difrejn, fwieħa aktar qatt.

Kif tridha tiżfen jew it-*tennis* tmur?
Tiskejtja u tħuf f'tal-qamar id-dija?
Bit-żmien uliedha jeħtieġ issa ddur.
Ara kif spiċċa żmien il-fantażija!

Il-ġamar f'qalb Adam għadu ħaj bosta,
għax qalb il-bniedem qawwija mġibitha,
għalkemm maż-żmien il-ħajja ssib postha.

Il-ħolm iseħħ, l-imħabba tgħix titlajja,
imma x-xejra tal-ħsieb tbiddel bixritha:
f'Saltnet il-Proża tinsab issa l-ħajja.

*San Giljan, 27. 9. 1956.*